MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 197/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

***... omissis ...***
**Marita Demicoli sive Marita Grima**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Marita Demicoli sive Marita Grima u ohrajn talli:

a) F'Tas-Sliema, nhar is-6 ta' Lulju 2002 ghall-habta tas-6:45pm, ikkommettew serq ta' flus mill-fond nru. 43 sitwat fi Triq Norfolk, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, u bil-hin u li sar ghad-dannu ta' Joseph Grech anzjan ta' 78 sena;
b) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi , bla ordni skond il-ligi ta' awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati,

arrestaw, zammew jew issekwestraw lill-istess Joseph Grech, anzjan ta’ 78 sena, kontra l-volonta` tieghu;
c) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, uzaw vjolenza sabiex igieghlu lill-imsemmi anzjan Joseph Grech jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;
d) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunaw feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna tal-istess Joseph Grech kif gie ccertifikat mit-tobba ta’ li sptar San Luqa;
e) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li ghamlu delitt kontra l-persuna u jew proprjeta`, kellhom fil-pussess taghhom arma regolari jew imitazzjoni ta’ arma regolari;
f) Talli f’dawn il-Gzejjer fis-6 ta’ Lulju 2002, zammew u/jew garrew jew kellhom fil-pussess taghhom arma regolari minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
g) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Settembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmija Marita Demicoli sive Marita Grima hatja ta' l-ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjonijiet izda ma sabithiex hatja ta' l-imputazzjonijiet l-ohra u minnhom illiberatha u kkundannatha ghal prigunerija ghal perijodu ta' sittax-il xahar;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmija Marita Demicoli sive Marita Grima tat-8 ta’ Ottubru 2004 li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1) thassar u tikkancella dik il-parti fejn sabitha hatja tal-hames imputazzjoni u minflok tilliberaha minnha;
2) thassar u tikkancella dik il-parti fejn sabitha hatja ta' l-ewwel imputazzjoni ta' komplicita` fis-serq bil-kwalifika tal-vjolenza u minflok tilliberaha biss mill-kwalifika tal-vjolenza;

3) thassar u tikkancella dik il-parti fejn ikkundannatha ghal sittax-il xahar prigunerija u minflok tapplika piena aktar idoneja u gusta ghall-kaz;
4) u tikkonferma s-sentenza fil-kumplament taghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;
Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet *error juris* meta sabitha hatja tal-hames imputazzjoni u dan peress illi fil-mument tas-serq in kwistjoni hija la kienet prezenti u wisq anqas ma kellha fil-pussess taghha arma regolari. L-appellanti tghid ukoll illi lanqas ma jista' jigi ritenut illi hija b'xi mod setghet kienet komplici f'dan ir-reat peress illi ma kinitx taf li l-ko-imputati l-ohra kienu armati u lanqas li sejrin jodorbu lil Joseph Grech, u saret taf li gie ferut wara li giet arrestata mill-Pulizija.

Bhalma accetta anke l-appellat waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, mhux biss ma jirrizultax li l-appellanti kellha f'xi hin fil-pussess taghha arma regolari izda lanqas jista' jinghad li l-fatt li l-ko-imputati l-ohra kellhom arma fil-pussess taghhom ma jista' jitqies komunikabbli lilha. Ghalhekk dan l-aggravju jimmerita li jigi milqugh.

It-tieni aggravju ta' l-appellanti huwa li l-ewwel Qorti ghamlet *error juris* meta sabitha hatja bhala komplici ta' l-imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza ghaliex ghalkemm din il-kwalifika tezisti fil-konfront taz-zewg ko-imputati l-ohra, mhijiex komunikabbli fuq l-appellanti bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 45(c) tal-Kap. 9 kif qalet l-ewwel Qorti.

L-artikolu 45(c) tal-Kap. 9 jipprovdi:

**"Meta zewg persuni jew aktar jiehdu sehem f'delitt, kull att maghmul minn wahda minnhom, sew jekk din tkun awtur jew komplici, u li jkun jaghmel izjed gravi d-delitt, hu imputabbli biss -**

**(a) lill-persuna li taghmel l-att;**
**(b) lill-persuna li kienet taf bl-att minn qabel ma sar;**
**(c) lill-persuna li, ghad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qieghed isir, u ghad li kienet tista' timpedih, hallietu jsir."**

Dwar dan l-artikolu l-Professur Sir Anthony Mamo jghid[1]:

"That the aggravating act would be imputable to the perpetrator himself requires, of course, no explanation. Nothing is more natural than that a man who actually commits a graver offence than that which he had originally combined with others to commit, should be held answerable for such graver offence. But so that the liability for such graver offence may be extended to his confederates, it is essential to prove that they had 'knowledge' of the aggravating act, either previously to or at the time of the commission of the act: for they are only answerable for such acts committed by their associate as were done in execution of the common design or with their consent or connivance…. And where the aggravating act did not form part of the pre-concerted plan, but became known to the other parties only at the time of its perpetration, such knowledge alone will not make them liable for the aggravation; it must also be shown that, being able to prevent the act, they did not do so….But lest the rule requiring knowledge of the aggravating act on the part of the confederates should be carried to absurd consequences, it must be remembered that the law requires proof of such knowledge for no other reason than the judge may be satisfied that even the aggravating act fell within the contemplation of such confederates."

Minn ezami li din il-Qorti ghamlet tal-provi ma jistax jinghad minghajr dubju ragjonevoli li l-appellanti kienet taf li l-ko-imputati kellhom sikkina fuqhom. Huwa veru li elaboraw pjan flimkien dwar kif sejra ssir is-serqa, izda

1 Lectures in Criminal Law, p. 147 - 149.

mill-istqarrija ta' l-appellanti m'hemmx indikazzjoni li l-pjan kien ukoll jikkonsisti filli l-ko-imputati jipprezentaw ruhhom armati. Huwa wkoll evidenti li l-appellanti ma riditx li jweggghu lill-vittma. Lanqas ma tirrizulta l-vjolenza numerika peress illi hija ma pprezentatx ruhha mal-ko-imputati l-ohra biex jisirqu izda allontanat ruhha mill-post.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa milqugh ukoll.

It-tielet aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant jghid li l-piena nflitta hija eccessiva u gravuza meta jigu kkunsidrati c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Huwa jibbaza dan l-aggravju fuq zewg lanjanzi: konsiderazzjonijiet fattwalment erroneji li ghamlet l-ewwel Qorti u interpretazzjoni erroneja ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Din il-Qorti sejra tikkunsidrahom *seriatim*.

Dwar l-ewwel ilment l-appellanti tosserva li l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ghamlet referenza ghall-fedina penali taghha bhala li hija twila erbatax-il faccata. Hija tghid li l-fedina penali taghha hi biss twila erba' faccati. Fil-fehma ta' l-appellanti dan jindika li l-ewwel Qorti kienet qed tikkalibra l-piena a bazi ta' konsiderazzjonijiet li ma kinux japplikaw ghalih. Dan in-nuqqas fil-fehma taghha kien determinanti biex wassal lill-ewwel Qorti teskludi l-applikazzjoni tal-Kap. 446.

Din il-Qorti ezaminat l-atti u sabet li dwar il-fedina penali ta' l-appellanti, dik li kienet ghad-disposizzjoni ta' l-ewwel Qorti effettivament kienet twila erba' faccati u mhux erbatax kif qalet l-ewwel Qorti (ara fol. 18 sa 19 kif ukoll kopja ohra a fol. 209 u 212 annessa mal-*pre-sentencing investigation report*).

It-tieni lment ta' l-appellanti jirrigwarda l-applikabilita` o meno ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9. Tirreferi ghall-fatt li l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet li ma jistghux jigu applikati d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 peress illi l-appellanti kienet diga` nghatat liberazzjoni kondizzjonali.

M'hemm l-ebda dubju li l-appellanti hija korretta. Is-subartikolu (7) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 jghid testwalment:

**"Ordni bis-sahha tas-subartikolu (1) ma ghandux isir f'xi wiehed mill-kazijiet li gejjin:**

**….**

**(c) meta r-reat ikun sar fil-perijodu ta' *probation* jew ta' liberazzjoni taht kondizzjoni skond l-Att dwar il-*Probation*."**

Is-sinjifikat ghalhekk huwa car. L-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A li permezz tieghu tista' tinghata sentenza ta' prigunerija sospiza hi prekluza jekk ir-reat in kwistjoni jkun sar waqt il-perijodu operattiv ta' ordni ta' *probation* jew waqt il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, izda mhijiex prekluza ghaliex persuna tkun diga` bbenefikat minnhom. Fil-kaz in ezami fil-fatt ma jirrizultax illi r-reati in dizamina gew kommessi waqt li l-appellanti kienet qieghda la taht ordni ta' *probation* u lanqas taht ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata.

Issa, sentenza ta' prigunerija ma tiddependix minn kemm hija twila fedina penali. Fattur li certament irid jittiehed in konsiderazzjoni, pero`, huwa l-gravita` tar-reat jew reati li dwarhom qorti ta' gurisdizzjoni kriminali tkun qed tikkunsidra l-piena opportuna. Hawn ghandna kaz serju hafna: anzjan li qieghed ghall-kwiet f'daru u jidhlulu b'forza tnejn min-nies armati bi skieken biex jisirquh u bl-anzjan li jispicca wkoll isofri offiza ta' natura hafifa. Kulhadd, u aktar u aktar nies anzjani, irid ikollhom is-serhan tal-mohh li jistghu jabitaw gewwa darhom minghajr il-biza' li se jidhlilhom xi hadd jew li sejrin jigu attakkati. Ghalhekk meta jigru kazijiet bhal dak in dizamina, min ikun responsabbli jrid jirrispondi ta' ghemilu permezz ta' piena adegwatament harxa. U bhalma qalet il-Qorti ta' l-Appell (Superjuri) **f'Ir-Repubblika v. Dominic Bonnici** fis-sentenza taghha tal-11 ta' Novembru 2004: *"Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibaghtu messagg*

*car mhux biss li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha l-piena ta' prigunerija b'effett immedjat, izda li meta tali vjolenza tkun indirizzata lejn minuri jew anzjani jew lejn persuni ohra partikolarment vulnerabbli, il-piena ghandha tkun aktar severa minn dik li normalment tinghata f'kazijiet ohra."* Huwa veru li din il-Qorti qed issib li l-aggravju tal-vjolenza ma jirrizultax fil-konfront ta' l-appellanti. Izda l-appellanti tammetti fl-istqarrija taghha stess li l-ideja li jisirqu lil Joseph Grech kienet taghha peress illi kienet tafu u hasbet li kellu aktar flus milli fil-fatt insteraqlu. Tghid li kienet ilha tafu xi tnax-il sena. Fil-fatt jirrizulta mix-xiehda ta' Joseph Grech stess li l-appellanti drabi ohra kienet marret ghandu biex itiha xi haga tal-flus. Huwa ghalhekk certament serju l-fatt illi abbuzat mill-fiducja tal-vittma sabiex hi stess tipproponi lill-ko-imputati l-ohra li jisirquh. Ghemil bhal dan jisthoqqu biss piena karcerarja, b'dan li se jkun hemm temperament in vista ta' dak li gie deciz rigward l-ewwel zewg aggravji ta' l-appellanti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell limitatament u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellanti hatja ta' l-aggravju ta' vjolenza fl-ewwel imputazzjoni u minn dak l-aggravju tilliberaha, tirrevokaha wkoll in kwantu sabitha hatja tal-hames imputazzjoni u minn dik l-imputazzjoni tilliberaha, tirrevokaha in kwantu kkundannatha ghal prigunerija ghal perijodu ta' sittax-il xahar u minflok tikkundannaha ghal prigunerija ghal perijodu ta' tnax-il xahar bit-tnaqqis taz-zmien li ghamlet taht arrest preventiv, u tikkonfermaha fil-bqija. Tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin biex jipprovdi lill-appellanti l-ghajnuna psikologika mehtiega.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------